MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 257/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ A B, fejn din wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Marzu elf disgha mija u sitta u sebghin (1976), kif jindika c-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok A.

Illi l-kontendenti minn dana z-zwieg kellhom zewgt itfal, Alicia u Clifton illum maggiorenni tletin (30) u disgha u ghoxrin (29) sena rispettivament;

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti ma ghadiex aktar possibbli minhabba illi l-intimat rrenda ruhu hati lejn ir-rikorrenti ta', theddid, sevizji, eccessi, ingurji gravi, kif ukoll minhabba inkopatibilita' tal-karattru li konsegwentement, l-esponenti kellha f'Awissu elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) tabbanduna d-dar matrimonjali u ilha sa minn dak iz-zmien tghix separatament minn ma' zewgha l-intimat.

Illi r-rikorrent talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'din l-istanza (Dok D).

Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet l-intimata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. **TIPPRONUNZJA** s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba, theddid, sevizji, eccessi, ingurji gravi, illi l-intimata kkompetiet kontra zewgha r-rikorrenti,

2. **TIKKUNDANNA** lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ghaliha dik ir-retta alimentari dovuta skond il-Ligi u jekk ikun il-kaz tordna illi din tinqata' direttament mill-paga ta' l-intimat;

3. **TORDNA** lill-intimat jirritorna lura lir-rikorrenti l-oggetti kollha dotali u parafernali taghha;

4. **TIDDIKJARA** xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-kontendenti u dana jekk ikun il-bzonn bl-opra ta' perit nominandi;

5. **TAWTORIZZA** lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha 'Coleiro' f'kaz li jintlqaghu t-talbiet hawn fuq imsemmija.

Rat li ghalkemm debitament notifikati, C B ma pprezenta ebda twegiba.

Rat l-affidavit kollha prodotti mir-rikorrenti.

Rat li ghalkemm din il-Qorti akkordat lill-istess intimat termini biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, dan ma ghamel xejn.

Ikkunsidrat illi l-fatti f'din il-kawza huma essenzjalment kif tirrakkonta fl-affidavit taghha a fol. 34 tal-process. Kull ma tghid huwa konfermat mill-qraba taghha, cioe' ommha u hutha.

Il-perkors ta' dan iz-zwieg kien essenzjalment wiehed mimli ingurji u offizi. Jidher li wahda mill-kawzi ta' dan kollu kien ix-xorb eccessiv li jixrob l-intimat. Ix-xhieda kollha jikkonfermaw li l-intimat jisker u meta jisker l-imgieba tieghu tkun vjolenti.

Il-Qorti hija konvinta li t-tort tal-firda huwa imputabbli lill-intimat.

Ma ngabet lill-Qorti ebda prova dwar assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjuzzjonji tat-talba ghad-divizjoni tal-istess.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli lil C B.

2. Tikkundanna lill-intimat C B jghaddi lil martu s-somma ta' erba' mitt ewro kull erba' gimghat.

3. Tordna lill-intimat jirritorna lir-rikorrenti l-mobbli kollha elenkati a fol. 35 tal-process li jinsabu fid-dar matrimonjali.

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti.

5. Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti ghall-kunjom xbubitha 'Coleiro'.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------